

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Ġunju 2007

li twaqqaf grupp ta' esperti dwar il-kwistjonijiet demografiċi

(2007/397/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikularment l-Artikolu 140 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 140 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' l-azzjoni tagħhom fl-oqsma tal-politika soċjali.
- (2) B'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 li ġġib l-isem "Il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa, il-bidla ta' sfida f'opportunità", il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrikorri għal grupp ta' esperti governattivi.
- (3) Il-grupp għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politiki ta' adattament għall-bdil demografiku.
- (4) Se tingħata attenzjoni sabiex ikunu żgurati l-komplementarjetà u n-nuqqas ta' repetizzjoni ta' attivajiet minn gruppi u kumitati oħrajn li jittrattaw il-kwistjonijiet relatati mad-demografija, notevolment il-Kumitat ta' l-Impjiegi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kunsill Konsultattiv Favur l-Opportunitajiet Indaq bejn in-Nisa u l-Irġiel u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Integrazzjoni tad-Dimensjoni ta' l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa. Il-Kummissjoni se tinformahom dwar il-ħidmiet tal-grupp ta' esperti dwar il-kwistjonijiet demografiċi.

(5) Il-grupp għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri u minn esperti indipendenti.

(6) Għalhekk meħtieġ li meta jitwaqqaf il-grupp ta' esperti dwar il-kwistjonijiet demografiċi, jiġi ddettaljat il-mandat tiegħu u ddefiniti l-istrutturi tiegħu.

IDDEĊIDIET:

Artikolu 1

Qed jiġi stabbilit, taħt l-awspiċju tal-Kummissjoni u għal perjodu ta' ħames snin (rinnovabbli), "grupp ta' esperti dwar il-kwistjonijiet demografiċi" minn issa 'l quddiem "il-grupp".

Artikolu 2

Missjoni

Il-grupp għandu l-inkarigu li jagħti pariri lill-Kummissjoni fil-proċess ta' segwitu tal-bidla demografika u li jimplementa linji gwida politiki ddefiniti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa (COM (2006) 571).

B'mod aktar preċiż, il-grupp:

— se jgħin lill-Kummissjoni tiġbed konklużjonijiet mir-riżultati tar-riċerka, tidentifika *d-data* rilevanti għar-rapporti demografiċi u jinkoraġġixxi l-iskambju ta' prattiki tajba li għalihom il-forum demografiku se jipprovdi pjattaforma. Hu se jikkunsidra r-riżultati ta' bosta azzjonijiet u l-ħidmiet tar-riċerka mwettqa mill-istituzzjonijiet Ewropej dwar dawn it-temi;

- se jippermetti lill-Istati Membri li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar it-tweġibiet li jridu jingħataw b'mod globali għall-isfida demografika u dwar l-inizjattivi speċifiċi li jirriżultaw mill-Komunikazzjoni tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa u s-segwitu tagħha, b'mod partikulari fl-oqsma li għad mhumiex koperti tajjeb mill-kumitati u l-gruppi konsultattivi eżistenti;
- se jgħin lill-Kummissjoni fl-elaborazzjoni tar-rapporti futuri dwar id-demografija u l-valutazzjoni ta' l-istat ta' preparament ta' l-UE għall-bdil demografiku (il-bilanċ għandu jkun inkluż fir-rapport annwali tal-progress ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Liżbona);
- se jippermetti li jiġu skambjati esperjenzi u prattiċi tajba fil-qasam tal-politika tal-familja u se jappoġġa l-isforzi li jimmiraw biex titjeb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni li jassumu responsabbiltajiet familjari;
- se jfittex il-kontribuzzjonijiet, orali u miktuba, ta' l-imsieħba soċjali u ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-President tal-grupp jista' jindika lill-Kummissjoni l-waqt meta jkun għali li jiġi kkonsultat il-grupp dwar kwistjoni speċifika.

Artikolu 3

Kompożizzjoni – Nomina

1. Il-grupp jinkludi l-esperti governattivi u l-esperti indipendenti.

Kull Stat Membru se jinnomina espert governattiv responsabbli biex jirrappreżentah.

Il-Kummissjoni se tinnomina għaliha nfisha, fost l-esperti li jkollhom il-kompetenzi fl-oqsma indikati fl-Artikolu 2, esperti indipendenti li jintalbu jagħtuha pariri indipendentement minn kull influwenza esterna.

2. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet segwenti:

- il-membri għandhom iżommu l-kariga tagħhom sakemm jinbidlu jew sa l-aħħar tal-mandat tagħhom.
- il-membri li mhumiex f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-ħidmiet tal-grupp, li jippreżentaw ir-riżenja tagħhom jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel jew fit-tieni inċiż ta' dan l-Artikolu jew ta' l-Artikolu 287 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, jistgħu jinbidlu għat-tul ta' żmien li jkun baqa' tal-mandat tagħhom;

- l-ismijiet tal-membri nnominati fuq bażi personali jiġu ppubblikati fuq il-paġna ta' l-Internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq u fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, serje C. Il-ġabra, l-ipproċessar u l-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-membri se jsiru skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali.

Artikolu 4

Operat

1. Il-Kummissjoni se tinnomina l-president tal-grupp.
2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni jista' jistieden esperti jew osservaturi b'kompetenzi partikulari f'suġġett ta' l-aġenda biex jipparteċipa fil-ħidmiet ta' grupp jew ta' sottogruppi meta dan jitqies utli u/jew neċessarju.
3. L-informazzjoni akkwistata fl-ambitu tal-parteċipazzjoni fil-ħidmiet tal-grupp ma tistax tkun żvelata meta fl-opinjoni tal-Kummissjoni din tkun dwar kwistjonijiet konfidenzjali.
4. Il-grupp se jiltaqa' normalment f'wieħed mil-lokalitajiet fejn il-Kummissjoni u s-servizzi tagħha huma stabbiliti, skond il-modalitajiet u l-iskeda ta' ħin iffissati minnha. Hu jista' jissejjaħ biex jiltaqa' f'lokalitajiet oħra, notevolment fuq proposta ta' Stat Membru li jkun jixtieq jilqa' l-grupp b'rabta ma' avveniment b'interess partikulari għall-grupp. Is-segretarjat se jkun ipprovdut mis-servizzi tal-Kummissjoni. Uffiċjali oħra interessati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu parti f'dawn il-laqgħat.
5. Il-grupp jadotta r-regoli ta' proċedura interna tiegħu abbażi tar-regoli standard interni adottati mill-Kummissjoni.
6. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jippubblikaw fuq l-Internet, fil-lingwa oriġinali d-dokumenti kkonċernati, kull sommarju, konklużjoni, konklużjoni parzjali jew dokument ta' ħidma tal-grupp.

Artikolu 5

Spejjeż tal-laqgħat

L-ispejjeż tal-vjaġġ u tas-sussistenza mħallsa mill-membri, l-esperti u l-osservaturi fl-ambitu ta' l-attivitajiet tal-grupp huma rimborżati mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ tar-regoli tagħha. Mhux se tingħata remunerazzjoni għax-xogħol imwettaq mill-esperti governattivi.

L-ispejjeż tal-laqgħat jiġu rimborżati fil-limiti tal-krediti disponibbli allokati lis-servizzi kkonċernati fl-ambitu tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni ta' riżorsi.

⁽¹⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

*Artikolu 6***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni
Vladimír ŠPIDLA
Membri tal-Kummissjoni
